Sa llum, ir-Repubblika Ċeka ma indikatx lill-Kummissjoni li adottat illiġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-Artikoli 8, 9, 13, 15 sa 18 u 20(2) sa (4) tad-Direttiva 2003/41, b'mod li twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 22(1) ta' din id-direttiva. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li r-Repubblika Ċeka ma adottatx il-miżuri li jikkonsistu fl-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fil-Kawża C-343/08. Skont l-Artikolu 260(2) TFUE, jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa l-miżuri li jikkonsistu fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tista' tressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, fl-istess ħin tispeċifika l-ammont ta' ħlas ta' somma f'daqqa jew tal-pagamenti ta' penali li għandu jħallas l-Istat Membru kkonċernat li hi tikkunsidra xierqa fiċ-ċirkustanzi. Abbażi tal-metodu stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tat-13 ta' Diċembru 2005, dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu 228 KE (SEC(2005)1658), il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lir-Repubblika Ċeka tħallas l-ammont dovut tal-pagamenti ta' penalità u tas-somma f'daqqa kif indikat f'dawn it-talbiet.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 350.
(2) Li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad (Sofia–grad, il-Bulgarija) fid-19 ta' Mejju 2011 — Hristo Byankov vs Glaven sekretar na Ministerstvoto na vatreshnite raboti

**(Kawża C-249/11)**

(2011/C 232/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Hristo Byankov

*Konvenut:* Glaven sekretar na Ministerstvoto na vatreshnite raboti

**Domandi preliminari**

(1) Fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, stabbilit mill-Artikolu 4(3) TUE, flimkien mal-Artikoli 20 u 21 TFUE, jeħtieġ li tiġi applikata dispożizzjoni nazzjonali ta' Stat Membru bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti t-tħassir ta' att amministrattiv li sar definittiv sabiex jintemm ksur ta' dritt fundamentali stabbilit f'sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, bħad-dritt tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Istati Membri, li wkoll ġie rrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni, ukoll meta tali konstatazzjoni ta' ksur tirriżulta minn interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ta' regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar il-limitazzjonijiet fuq l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu, anki jekk it-tħassir tal-att inkwistjoni huwa neċessarju sabiex jintemm l-imsemmi ksur?

(2) Isegwi li mill-Artikolu 31(1) u (3) tad-Direttiva 2004/38 li, meta Stat Membru stabbilixxa fid-dritt nazzjonali tiegħu, proċedura ta' eżami mill-ġdid ta' att amministrattiv li jillimita d-dritt stabbilit mill-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva, l-awtorità amministrattiva kompetenti għandha teżemina mill-ġdid l-att inkwistjoni, fuq talba tad-destinatarju tiegħu, u tevalwa l-legalità tagħha, billi tieħu inkunsiderazzjoni wkoll tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-interpretazzjoni tar-regoli rilevanti tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw il-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt, sabiex tiżgura li l-limitazzjoni imposta fuq l-imsemmi dritt ma hijiex sproporzjonata mill-mument tal-istabbiliment tal-att ta' eżami mill-ġdid, meta, f'dan il-mument, l-att amminsitrattiv li impona l-limitazzjoni kien diġà sar definittiv?

(3) Id-dispożizzjonijiet tad-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u dawk tal-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni li tippovdi l-istabbiliment ta' limitazzjoni fuq id-dritt ta' ċittadin ta' Stat Membru ta' moviment liberu fl-UE, deċiżjoni meħuda sempliċiment minħabba l-eżistenza, lejn persuna privata, jiġifieri kumpannija kummerċjali, ta' dejn li jaqbeż il-limitu legali u li ma huwiex protett minn garanzija u li, flimkien ma' proċedura ta' eżekuzzjoni pendenti fid-dawl tal-irkupru tal-kreditu, u mingħajr ma tittieħdet inkunsiderazzjoni il-possibbiltà, prevista fid-dritt tal-Unjoni, li awtorità ta' Stat Membru ieħor tista' twettaq dan l-irkupru?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bíróság (l-Ungerija) fil-25 ta' Mejju 2011 — Szabolcs-Szatmár-Bereg Megyei Rendőrkapitányság Záhony Határrendészeti Kirendeltsége vs Oskar Shomodi

**(Kawża C-254/11)**

(2011/C 232/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellant fil-kassazzjoni:* Szabolcs-Szatmár-Bereg Megyei Rendőr-kapitányság Záhony Határrendészeti Kirendeltsége.

*Appellat fil-kassazzjoni:* Oskar Shomodi

**Domandi preliminari**

(1) Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1931/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006 ([1]) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1931/2006"), li tawtorizza soġġorn bla interruzzjoni ta' mhux iktar minn tliet xhur, għandha tiġi interpretata — fid-dawl b'mod partikolari tal-Artikolu 2(a) u tal-Artikolu 3(3) ta' dan ir-regolament — fis-sens li dan ir-regolament jippermetti, abbażi ta' ftehim bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi ġara msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan l-istess regolament, iktar minn dħul u ħruġ wieħed u soġġorn bla interruzzjoni ta' mhux iktar minn tliet xhur b'mod li, qabel l-iskadenza tat-terminu ta' soġġorn ta' tliet xhur, resident tal-fruntiera li għandu permess għat-traffiku lokali tal-fruntiera jista' jinterrompi s-soġġorn bla interruzzjoni u sussegwentement, wara li jkun qasam il-fruntiera mill-ġdid, ikollu mill-ġdid dritt ta' soġġorn bla interruzzjoni ta' tliet xhur?

(2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, is-soġġorn bla interruzzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1931/2006 jista' jiġi kkunsidrat bħala li huwa interrott meta d-dħul u l-ħruġ ikunu seħħew fl-istess jum, jew f'jumejn konsekuttivi?

(3) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, iżda ta' risposta negattiva għat-tieni domanda, x'intervall jew x'kriterju ta' evalwazzjoni ieħor għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat sabiex tiġi kkonstatata interruzzjoni ta' soġġorn bla interruzzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1931/2006?

(4) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, id-dispożizzjoni li tawtorizza soġġorn bla interruzzjoni ta' mhux iktar minn tliet xhur skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1931/2006 tista' tiġi interpretata fis-sens li għandu jiġi inkluż iż-żmien li jkun għadda bejn iktar minn dħul u ħruġ wieħed u li, fid-dawl tal-Artikolu 20(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9) — jew ta' kull regola oħra dwar id-dritt taż-żona Schengen — peress li total tal-jiem li jkunu hekk għaddew jilħaq 93 jum, jew tliet xhur, għandu jiġi kkunsidrat li l-permess għat-traffiku lokali tal-fruntiera ma jagħtix iktar dritt ta' soġġorn għall-perijodu ta' sitt xhur mid-data tal-ewwel dħul?

(5) Fil-każ ta' risposta affermattiva għar-raba' domanda, għandu jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni, għall-finijiet ta' din l-addizzjoni, iktar minn dħul u ħruġ wieħed matul l-istess jum, jew dħul u ħruġ wieħed matul l-istess jum, u liema metodu ta' kalkolu għandu jintuża għal dan il-għan?

([1]) Regolament (KE) Nru 1931/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi r-regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art tal-Istati Membri u li jemenda d-dispożizjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen (ĠU L 405, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Bulgarija) fis-26 ta' Mejju 2011 — "Kremikovtsi" AD vs Ministar na ikonomikata, energetikata i turizma i zamestnik-ministar na ikonomikata, energetikata i turizma**

**(Kawża C-262/11)**

(2011/C 232/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad Sofia-grad (il-Bulgarija)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* "Kremikovtsi" AD

*Konvenuti:* Ministar na ikonomikata, energetikata i turizma i zamestnik-ministar na ikonomikata, energetikata i turizma (Ministru u Viċi-Ministru tal-Ekonomija, tal-Enerġija u tat-Turiżmu)

**Domandi preliminari**

(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ewropew ta' Assoċjazzjoni, u b'mod partikolari d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Bulgarija, huma applikabbli fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat li ngħatat qabel l-adeżjoni tal-Bulgarija mal-UE, skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim iċċitat iktar 'il fuq, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tat-tieni protokoll tiegħu, meta l-konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mogħtija sseħħ wara d-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija mal-UE? Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, hemm lok li tingħata l-interpretazzjoni segwenti:

(a) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-protokoll addizzjonali tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' proroga tal-perijodu previst fl-Artikolu 9(4) tat-tieni protokoll għall-Ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li hija biss il-Kummissjoni Ewropea li hija awtorizzata tiddeċiedi jekk il-programm ta' ristrutturazzjoni u l-pjanijiet skont l-Artikolu 2 tal-imsemmi protokoll addizzjonali ġewx implementati b'mod sħiħ u jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9(4) tat-tieni protokoll għall-ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni? Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, hemm lok li tingħata l-interpretazzjoni segwenti:

(b) It-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-protokoll addizzjonali tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' proroga tal-perijodu previst fl-Artikolu 9(4) tat-tieni protokoll għall-Ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtorità nazzjonali kompetenti tar-Repubblika tal-Bulgarija hija awtorizzata tadotta deċiżjoni ta' rkupru ta' għajnuna mill-Istat li